

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1136**tat-30 ta' Lulju 2020****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 36(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, il-Kunsill irrieżamina l-listi ta' persuni u entitajiet iddeżżejjati li jinsabu fl-Annessi II, III, V u VI għal dik id-Deċiżjoni.
- (3) Il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet kollha fil-listi li jinsabu fl-Annessi II u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jenħtieġ li jinżammu, li d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal dsatax-il persuna u l-informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' ħames persuni u żewġ entitajiet jenħtieġ li jiġi aġġornati u li l-ġeneru tal-persuni fiżiċċi kollha elenkti fl-Anness II jenħtieġ li jiġi inkluż fl-informazzjoni ta' identifikazzjoni.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 tiġi emmendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi II u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huma emmendati kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2020.

*Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH*

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79).

ANNESS

(1) Fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, il-Parti I(A) ("Persuni"), l-entrati 1 sa 27 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
"1.	CHON Chi Bu	CHON Chi-bu	Ġeneru: maskil	22.12.2009	Membru tal-General Bureau of Atomic Energy, ex-direttur tekniku ta' Yongbyon. Permezz ta' ritratti sar magħruf li għandu rabtiet ma' reattur nukleari fis-Sirja qabel ma ġie bbumbardjat minn Iżrael fl-2007.
2.	HYON Chol-hae	HYON Chol Hae	Data tat-twelid: 13.8.1934 Post tat-Twelid: Manchuria, iċ-Ċina Ġeneru: maskil	22.12.2009	Marixxall tal-Armata Militari tal-Poplu Korean minn April 2016. Eks Viċi Ministru għall-Forzi Armati tal-Poplu, eks Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean (kien konsulent militari tal-mejjet Kim Jong-Il). Ġie elett membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea f'Meju 2016 fis-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex jitkompli l-programm nukleari tar-RDPK.
3.	O Kuk-Ryol	O Kuk Ryol	Data tat-twelid: 7.1.1930 Post tat-Twelid: il-Provinċja ta' Jilin, iċ-Ċina. Ġeneru: maskil	22.12.2009	Ex-Viċi President tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża, li kienet korp ewljeni għal kwistionijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġiet riformata bħala l-Kummissjoni tal-Affarijiet tal-Istat (SAC), issorvelja l-akkwist barra mill-pajjiż ta' teknoloġija avvanzata għal programmi nukleari u ballistiċi. Eks Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea elett f'Meju 2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK.
4.	PAK Jae-gyong	Chae-Kyong PAK Jae Gyong	Data tat-twelid: 10.6.1933 Numru tal-passaport: 554410661 Ġeneru: maskil	22.12.2009	General tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Poplu u eks Viċi Direttur tal-Uffiċċju tal-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Poplu (Konsulent militari tal-mejjet Kim Jong-Il). Kien preżenti waqt l-ispezzjoni minn KIM Jong Un tal-Kmand tal-Forzi Ballistiċi Strateġiċi. Eks membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. President tal-Kumitat Korean tal-Veterani kontra l-Imperjaliżmu.
5.	RYOM Yong		Ġeneru: maskil	22.12.2009	Direttur tal-Uffiċċju Ġeneral tal-Enerġija Atomika (entità deżinjata min-Nazzjonijiet Uniti), inkarġat mir-relazzjonijiet internazzjonali.

6.	SO Sang-kuk	SO Sang Kuk	Data tat-twelid: bejn l-1932 u l-1938 Ġeneru: maskil	22.12.2009	Kap tad-Dipartiment tal-Fiżika Nukleari, Università Kim Il Sung.
7.	Logutendent Ġeneral KIM Yong Chol	KIM Yong-Chol; KIM Young-Chol; KIM Young-Cheol; KIM Young-Chul	Data tat-twelid: 1946 Post tat-Twelid: Pyongan-Pukto, RDPK Ġeneru: maskil	19.12.2011	Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea; tal-Politburo u l-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea. Eks Kmandant tar-Reconnaissance General Bureau (RGB), entità sanzjonata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Eks direttur tad-Dipartiment tal-Front Magħqud.
8.	CHOE Kyong-song	CHOE Kyong song	Data tat-twelid: 1945 Ġeneru: maskil	20.5.2016	Kurunell Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewljeni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Bħala tali, responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva.
9.	CHOE Yong-ho	CHOE Yong Ho	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Kurunell Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean/General tal-Forza tal-Ajru tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewljeni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Kmandant tal-Forza tal-Ajru tal-Armata tal-Poplu Korean u l-forza kontra l-attakki mill-ajru (Anti-aircraft force). Bħala tali, responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva.
10.	HONG Sung-Mu	HUNG Sun Mu; HONG Sung Mu	Data tat-twelid: 1.1.1942 Ġeneru: maskil	20.5.2016	Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjonijiet (DIM). Inkārigat mill-iżvilupp ta' programmi li jikkonċernaw armi u missili konvenzjonal, inkluż missili ballistiċi. Wieħed mill-persuni ewlenin responsabbli għall-programmi ta' żvilupp industrijali għal armi nukleari. Bħala tali, responsabbli għal programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva. Kien xhud għall-illançjar tal-missila ballistica interkontentali Hwasong-15 fit-28 ta' Novembru 2017.
11.	JO Kyongchol	JO Kyong Chol	Ġeneru: maskil	20.5.2016	General tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewljeni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Direttur tal-Kmand tas-Sigurtà Militari. Bħala tali, responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva. Akkumpanja lil Kim Jong Un għall-akbar drill tal-isparar tal-artillerija fuq distanza twila li qatt sar.

12.	KIM Chun-sam	KIM Chun Sam	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Logutenent Ġeneral, ex-membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Eks Direttur tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-Kwartieri Ġenerali Militari tal-Armata tal-Poplu Korean u l-ewwel viċi kap tal-Kwartieri Ġenerali Militari. Bħala tali, responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.
13.	KIM Chun-sop	KIM Chun Sop	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Eks direttur tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjonijiet (MID). Eks membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża, li issa ġiet riformata bħala l-Kummissjoni tal-Affarijiet tal-Istat (SAC) li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Bħala tali, responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Kien preżenti għas-sessjoni tar-ritratti għal dawk li kkontribwixxew għas-suċċess tat-test tal-SLBM f'Meju 2015.
14.	KIM Jong-gak	KIM Jong Ġak	Data tat-twelid: 20.7.1941 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ex-Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean. Viċi Marixxall fl-Armata tal-Poplu Korean, rettur tal-Università Militari ta' Kim Il-Sung, eks Ministru għall-Forzi Armati tal-Poplu u eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Bħala tali, responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.
15.	KIM Rak Kyom	KIM Rak-gyom; KIM Rak Gyom	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral b'Erba' Stilel, Kmandant tal-Forzi Ballistiċi Strateġiċi, entità deżejnjata min-Nazzjonijiet Uniti, li hu rrappurtat li issa tikkimma erba' unitajiet strateġiċi u tekniċi tal-missili, inkluż il-brigata KN-08 (ICBM). Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Rapporti fil-mezzi tax-xandir identifikaw lil KIM bħala li attenda t-test tal-magni tal-ICBM li sar f'April 2016 ma' KIM Jong Un. Bħala tali, responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Ordna drill tal-isparar ta' rokits ballistiċi.

16.	KIM Won-hong	KIM Won Hong	Data tat-twelid: 7.1.1945 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Nru tal-passaport: 745310010 Ġeneru: maskil	20.5.2016	General. Ex Viċi Direttur Ewljeni tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurtà tal-Istat. Eks Ministro għas-Sigurtà tal-Istat. Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u l-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difīza, li kienet korp ewljeni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma' għiet riformata bħala l-Kummissjoni tal-Affarijiet tal-Istat (SAC), li huma l-korpi ewlenin għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Bħala tali, responsabbi għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva.
17.	PAK Jong-chon	PAK Jong Chon	Ġeneru: maskil	20.5.2016	General fl-Armata tal-Poplu Korean, Kap tal-Persunal Ġenerali minn April 2019; membru tal-Politburo minn April 2020. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewljeni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Bħala tali, responsabbi għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva.
18.	LI Yong-ju	RI Yong Ju	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ammirall tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewljeni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Kap Kmandant tal-Forza Naval tal-Poplu Korean, li hija involuta fl-iżvilupp ta' programmi ta' missili ballistiċi u fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet nukleari tal-forzi navali tar-RDPK. Bħala tali, responsabbi għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva.
19.	SON Chol-ju	SON Chol Ju	Ġeneru: maskil	20.5.2016	General tal-Armata tal-Poplu Korean. Viċi Direttur responsabbi għall-organizzazzjoni tal-Armata tal-Poplu Korean u ex-Direttur Politiku tal-Forza tal-Ajru u tal-forzi kontra l-attakki mill-ajru (Anti-Air forces), li tissorvelja l-iżvilupp ta' rokits modernizzati kontra l-inġenji tal-ajru. Bħala tali, responsabbi għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva.

20.	YUN Jong-rin	YUN Jong Rin	Ġeneru: maskil	20.5.2016	General, eks kmandant tal-Kmand tal-Gwardja Suprema. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża, li kienet korp ewleni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma' ġiet riformata bħala l-Kummissjoni tal-Affarijet tal-Istat (SAC), li kollha huma korpi ewlenin għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Bħala tali, responsabbi għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.
21.	HONG Yong Chil		Ġeneru: maskil	20.5.2016	Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjonijiet (DIM). Id-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjonijiet — deżinjat mill-KSNU fit-2 ta' Marzu 2016 — huwa involut f'aspetti ewlenin tal-programm tal-missili tar-RDPK. Id-DIM huwa responsabbi għas-sorveljanza tal-iżvilupp tal-missili ballistiċi tar-RDPK, inkluża t-Taepo Dong-2, il-produzzjoni ta' armi u ta' programmi ta' Riċerka u Żvilupp. It-Tieni Kumitat Ekonomiku u t-Tieni Akademja ta' Xjenzi Naturali — deżinjati wkoll f'Awwissu 2010 — huma subordinati għad-DIM. Fis-snin reċenti d-DIM ħadem biex jiżvilupp l-KN08 road-mobile ICBM. HONG akkumpanja lil KIM Jong Un f'għadd ta' attivitajiet relatati mal-iżvilupp tal-programmi tal-armi nukleari u tal-missili ballistiċi tar-RDPK u hu mifhum li kellu rwol sinifikanti fit-test nukleari tar-RDPK tas-6 ta' Jannar 2016. Viċi Direttur tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Bħala tali, responsabbi għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Kien preżenti waqt it-test tal-ġett tal-art tat-tip il-ġdid tal-magna ICBM f'April 2016.
22.	RI Hak Chol	RI Hak Chul; RI Hak Cheol	Data tat-twelid: 19.1.1963 jew 8.5.1966 Numri tal-Passaport: 381320634, PS- 563410163 Ġeneru: maskil	20.5.2016	President tal-Green Pine Associated Corporation ("Green Pine"). Skont il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU, il-Green Pine ħadet fidejha ħafna mill-aktivitajiet tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID). KOMID għet-deżinjata mill-Kumitat f'April 2009 u hija n-negozjant ewleni fl-armi u l-esportatur prinċipali ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali tar-RDPK. Green Pine hija responsabbi wkoll għal madwar nofs l-armi u l-materjal relatat esportat mir-RDPK. Green Pine ġiet identifikata għal sanzjonijiet minħabba l-esportazzjoni ta' armi jew materjal relatat mir-RDPK. Green Pine tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' ingejni u armamenti militari marittimi, bħal sottomarini, dgħajjes militari u sistemi ta' missili, u esportat torpedoes u assistenza teknika lil ditti Iranjani relatati mad-difiża. Green Pine għet-deżinjata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

23.	YUN Chang Hyok		Data tat-twelid: 9.8.1965 Ġeneru: maskil	20.5.2016	Viċi Direttur taċ-Ċentru tal-Kontroll tas-Satelliti, in-National Aerospace Development Administration (NADA). In-NADA hija soġġetta għal sanzjonijiet taħt il-UNSCR 2270 (2016) għall-involviment fl-iżvilupp tar-RDPK ta' xjenza u teknoloġija tal-ispazju, inkluż it-tluġħ ta' satelliti u rokits. Il-UNSCR 2270 (2016) ikkundannat it-tluġħ tas-satellita tar-RDPK tas-7 ta' Frar 2016 minħabba l-użu ta' teknoloġija tal-missili ballistiċi u minħabba li kien fi ksur serju tar-Riżoluzzjonijiet 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013) u 2094 (2013). Bħala tali, responsabbi għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva.
24.	RI Myong Su		Data tat-twelid: 1937 Post tat-Twelid: Myongchon, Tramuntana ta' Hamgyong, ir-RDPK Ġeneru: maskil	7.4.2017	Viċi Marixxall tal-Armata tal-Poplu Korean, l-ewwel viċi kmandant tal-Kmand Suprem tal-Armata tal-Poplu Korean. Sal-2018, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati tal-Poplu. Ri Myong Su għadu influwenti fi kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali inkluż il-programmi tar-RDPK relatati ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva. Ri ilu żmien twil membru tal-Assemblea Suprema tal-Poplu (SPA); li bħalissa hija l-14-il waħda.
25.	SO Hong Chan		Data tat-twelid: 30.12.1957 Post tat-Twelid: Kangwon, RDPK Passaport: PD836410105 Data ta' skadenza tal-passaport: 27.11.2021 Ġeneru: maskil	7.4.2017	L-ewwel Viċi Ministru u Direttur tal-Uffiċċju tal-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Poplu, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u General fil-Forzi Armati tal-Poplu. F'din il-kapaċità, So Hong Chan huwa responsabbi għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva.
26.	WANG Chang Uk		Data tat-twelid: 29.5.1960 Ġeneru: maskil	7.4.2017	Ministru għall-Industrija u l-Enerġija Atomika. F'din il-kapaċità, Wang Chang Uk huwa responsabbi għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva.
27.	JANG Chol		Data tat-twelid: 31.3.1961 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Numru tal-passaport: 563310042 Ġeneru: maskil	7.4.2017	Eks president tal-Akkademja Statali tax-Xjenzi Naturali, organizzazzjoni dedikata għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u xjentifċi tar-RDPK. F'din il-kapaċità, Jang Chol kellu pożizzjoni strateġika għall-iżvilupp tal-aktivitajiet nukleari tar-RDPK. Bħala tali, responsabbi għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin ta' qerda massiva.”.

(2) Fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, il-Parti I(B) ('Entitajiet'), l-entrata 2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Lokalità	Data tad-deżinjazzjoni	Informazzjoni oħra
"2.	Korean Ryengwang Trading Corporation	KOREA RYON-GWANG TRADING CORPORATION	Rakwon-dong, Pothonggang District, Pyongyang, RDPK	22.12.2009	Sussidjarja tal-Korea Ryongbong General Corporation (entità deżinjata mill-KSNU, 24.4.2009).".

(3) Fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, il-Parti II.(A) ("Persuni"), l-entrati 1 sa 6 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
"1.	JON Il-chun	JON Il Chun	Data tat-twelid: 24.8.1941 Ġeneru: maskil	22.12.2010	Fi Frar tal-2010, KIM Tong-un tkeċċa mill-kariga tiegħu ta' direttur tal-“Office 39”, li huwa, fost affarijiet oħra, inkarigat mix-xiri ta' merkanzija mir-rappreżentanzu diplomatiċi tar-RDPK billi jevita s-sanzjonijiet. Huwa ġie sostitwit minn JON Il-chun. Rappreżentant tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża, li kienet korp ewljeni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma' għet riformata bħala l-Kummissjoni tal-Affarijiet tal-Istat (SAC), ġie elett bħala ddirettur ġenerali tal-iState Development Bank f'Marzu 2010. Ġie elett membru supplenti tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea f'Meju 2016 fis-Seba' Kongress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex jitkompla l-programm nukleari tar-RDPK.
2.	KIM Tong-un	KIM Tong Un	Ġeneru: maskil	22.12.2009	Ex-direttur tal-“Office 39” tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li huwa involut fil-finanzjament tal-proliferazzjoni. Fl-2011, allegatament responsabbi għal “Office 38” biex jingābру fondi għat-tmexxja u l-elit.
3.	KIM Yong Nam	KIM Yong-Nam, KIM Young-Nam, KIM Yong-Gon	Data tat-twelid: 2.12.1947 Post tat-Twelid: Sinuju, RDPK Ġeneru: maskil	20.4.2018	KIM Yong Nam ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti bħala aġġent tar-Reconnaissance General Bureau, entità li għet iddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti. Hu u ibnu KIM Su Gwang ġew identifikati mill-Bord ta' Esperti bħala involuti f'sensiela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra jnajha tal-qedha massiva. KIM Yong Nam fet-ħażżeen diversi kontijiet kurrenti u ta' tfaddil fl-Unjoni u ġie involut f'għadd ta' trasferimenti bankarji kbar lejn kontijiet bankarji fl-Unjoni jew lejn kontijiet barra l-Unjoni waqt li kien qed jaħdem fil-korp diplomatiku, inkluż lejn kontijiet f'isem ibnu KIM Su Gwang u l-mara ta' ibnu KIM Kyong Hui.

4.	DJANG Tcheul Hy	JANG Tcheul-hy, JANG Cheul-hy, JANG Chol-hy, DJANG Cheul-hy, DJANG Chol-hy, DJANG Tchoul-hy, KIM Tcheul-hy	Data tat-twelid: 11.5.1950 Post tat-Twelid: Kangwon Ġeneru: femminil	20.4.2018	DJANG Tcheul Hy kienet involuta, flimkien mar-raġel tagħha KIM Yong Nam, binha KIM Su Gwang u l-mara ta' binha KIM Kyong Hui f-sensiela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin tal-qedra massiva. Kienet is-sid ta' diversi kontijiet bankarji fl-Unjoni li nfetħu minn binha KIM Su Gwang fisimha. Kienet involuta wkoll f'diversi trasferimenti bankarji minn kontijiet mill-mara ta' binha KIM Kyong Hui lejn kontijiet bankarji barra l-Unjoni.
5.	KIM Su Gwang	KIM Sou-Kwang, KIM Sou-Gwang, KIM Son-Kwang, KIM Su-Kwang, KIM Souk-wang, KIM Su-gwang, KIM Son-gwang	Data tat-twelid: 18.8.1976 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Diplomatiku tar-RDPK, Ambaxxata għall-Belarussja Ġeneru: maskil	20.4.2018	KIM Su Gwang ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti bħala aġġent tar-Reconnaissance General Bureau, entità li ġiet iddeżżejjata min-Nazzjonijiet Uniti. Hu u missieru KIM Yong Nam ġew identifikati mill-Bord ta' Esperti bħala involuti f-sensiela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin tal-qedra massiva. KIM Su Gwang fetaħ għadd ta' kontijiet bankarji f'diversi Stati Membri, inkluż taħt l-ismijiet ta' membri tal-familja. Kien involut f'diversi trasferimenti bankarji kbar lejn kontijiet bankarji fl-Unjoni jew lejn kontijiet barra l-Unjoni waqt li kien qed jaħdem fil-korp diplomatiku, inkluż lejn kontijiet f'isem il-konjuġi tiegħu KIM Kyong Hui.
6.	KIM Kyong Hui		Data tat-twelid: 6.5.1981 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Ġeneru: femminil	20.4.2018	KIM Kyong Hui kienet involuta flimkien mar-raġel tagħha KIM Su Gwang, missier ir-raġel tagħha KIM Yong Nam u omm ir-raġel tagħha DJANG Tcheul Hy f-sensiela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajin tal-qedra massiva. Hi rċeviet diversi trasferimenti bankarji mingħand ir-raġel tagħha KIM Su Gwang u missier ir-raġel tagħha KIM Yong Nam, u ttrasferixxiet flus lejn kontijiet barra mill-Unjoni fisimha jew isem omm ir-raġel tagħha, DJANG Tcheul Hy.”.

(4) Fl-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, il-Parti(A) ('Persuni'), l-entrati 4 u 24 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
'4.	JON Chol Young magħruf ukoll bħala: JON Chol Yong	Numru tal-passaport: 563410192 Diplomatiku fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Angola Data tat-Twelid: 30.4.1975	22.1.2018	Eks rappreżentant fl-Angola tal-Green Pine Associated Corporation u diplomatiku akkreditat tar-RDPK fl-Angola. Green Pine ġiet deżinjata min-NU għal attivitajiet inklużi il-ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi. Green Pine nnegozjat ukoll kuntratti għar-rinnovazzjoni ta' bastimenti navali tal-Angola bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjoni jiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
24.	SO Tong Myong	Data tat-twelid: 10.9.1956	3.7.2015	Eks president tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC), eks President tal-Kumitat tal-Ġestjoni Eżekuttiva tal-KNIC (Ġunju 2012); eks Manager Ġenerali tal-KNIC, Settembru 2013, li jaġixxi fisem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.'

(5) Fl-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, il-Parti (B) ('Entitajiet'), l-entrata 4 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

	Isem (u psewdonimi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"4.	Pan Systems Pyongyang magħrufa wkoll bħala Wonbang Trading Co.; Glocom; International Golden Services; International Global System	Indirizz: Room 818, Pothonggang Hotel, Ansan-Dong, Pyongchon dis- trict, Pyongyang, DPRK.	16.10.2017	Pan Systems assistiet fl-evażjoni ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi jew materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata minn, u taħdem fisem, ir-Reconnaissance General Bureau, entità li ġiet iddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti".